MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 637/2004

**George Vella**
**- Vs**
**Registratur, Qrati Civili u Tribunali u Marthese Vella, illum Attard ghall-interess li jista' jkollha, u b'digriet datat 30 ta' April 2008, Dr Reno Borg gie ammess jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent George Vella fl-20 ta' Awissu, 2004, li *in forza* tieghu, wara li issottometta :

lIli hu gie notifikat b'mandat ta' sekwestru u taxxa annessa mieghu li juru li l-ispejjez gudizzjari ta' kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet Marthese Vella vs George Vella, deciza mill-Qorti Civili u ceduta fl-Appell fil-11 ta' Novembru, 2003 (Citaz 2466/96) telghu ghal eluf ta' liri.

lIli din it-taxxa hija zbaljata f'diversi punti:

(1) it-tariffa titkellem fuq kemm ghandha tkun taxxa ta' separazzjoni u zzomm ferm fuq il-qsim tal-proprjeta'. Illi f'dan il-kaz kien hemm ordni ghal-licitazzjoni tad-dar konjugali, u konsegwentement kellu japplika l-artiklu17 tat-tariffa ghall-avukati bi prevalenza fuq l-artiklu 13 tat-tariffa. Il-Qorti ordnat il-licitazzjoni tad-dar konjugali u ghalhekk kien hemm tariffa ta' 1% fuq il-valur li qatt ma jista' jeccedi dak li hu msemmi fl-artiklu 13 tat-tariffa tal-avukati. Konsegwentement kellu jkun anqas ukoll id-dritt tal-prokuraturi legali.

(2) L-istess dwar l-appell. Il-valur li gie stabbilit kien ghall-fini ta' kawtela. Anke jekk wiehed jiehu dan il-valur, xorta jibqa' li kien dwar ordni ta' lieitazzjoni. L-appell gie cedut qabel beda jinstema', u ghalhekk kellhom japplikaw ir-regoli dwar ir-riduzzjonijiet li hemm previsti mill-istess tariffa dwar ic-cessjoni. Dan qed jinghad ghad-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali, ghaliex jirrisulta li d-dritt tar-registru kien korrett.

Ghaldaqstant l-esponenti waqt li jesebixxi kopja tal-mandat ta' sekwestru notifikat lilu bit-taxxa annessa jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-ritassa tal-istess kawza, billi titnaqqas skond il-ligi. U konsegwentement tordna lir-registratur li johrog taxxa gdida kif emendata.

Rat ir-risposta tal-intimata Marthese Attard, li in forza taghha hija eccepiet:

1. Illi preliminarjament hija qatt ma kellha titharrek f'din il-kawza peress li hija ma harget l-ebda taxxa kontra George Vella u ghalhekk
m'hijiex il-legittima kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li l-kawza kienet wahda ta' separazzjoni u mhux ta' licitazzjoni kif qed jghid George Vella.
3. Illi hija rebhet il-kawza u r-rikorrent George Vella gie kkundannat ihallas l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' l-appell.

4. Illi George Vella dahal ghal spejjez inutli peress illi hija kien ilha tghidlu sabiex jaghmlu separazzjoni bonarja izda hu kien isostni Ii hija ma kellha dritt ghal xejn u ried jimpika. Tant Ii meta tilef l-ewwel kawza, ghamel appell ghal xejn u cedih.
5. Illi mhux il-kompitu taghha Ii tahdem taxxi ta' kawzi u ghalhekk thalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti.
6. Illi hija m'ghandha tbati l-ebda spejjez ta' din l-istanza.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur, Qrati Civili u Tribunali, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, stante illi l-azzjoni giet intavolata kontra entita', ossija Registratur tal-Qorti, Ii ma huwiex aktar kkontemplat fil-Ligi, u ghalhekk id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta hija preskritta bit-trapass tal-perjodu stabbilit fil-ligi;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-taxxa kif redatt inhadmet b'mod korrett u, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jogobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti ma ghandhux isofri spejjez ta' tali azzjoni u korrezzjoni;
4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat illi l-kontro-parti, debitament notifikati, naqsu milli jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien moghti lilhom;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat illi ir-rikors thalla ghallum ghal digriet;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali fis-sens illi l-azzjoni oderna hija monka u nulla fil-

konfront tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, stante illi l-azzjoni giet intavolata kontra ir-Registratur tal-Qorti, li ma huwiex aktar ikkontemplat fil-Ligi. Il-Qorti tara illi huwa minnu illi r-rikors odjern imissu gie intavolat kontra ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, izda tara illi dan l-izball tista issewwih il-Qorti stess u dan ai termini tal-Artikolu 175 (3) tal-Kap. 12 li jghid illi l-Qorti tista', sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball
gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju u ghalhekk il-Qorti qeghda tordna korrezzjoni fis-sens illi kull fejn jidhru il-kliem "Registratur tal-Qrati" fir-rikors promotur dawn il-kliem jigu sostitwiti bil-kliem "Registratur, Qrati Civili u Tribunali".

Illi ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Illi ghal dak illi jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tal-intimat Registratur, Qrati Civili u Tribunali, fis-sens illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sejra tichad din l-eccezzjoni peress illi ai termini tal-Artikolu 556 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ir-rikors b'talba sabiex taxxa tigi emendata ghandu isir fi zmien xahar, u dan it-terminu ta' xahar jibda jghodd ghal min ikun talab it-taxxa mill-gurnata li t-taxxa tigi maghmula, izda ghad-debitur bhalma hu fil-kaz ir-rikorrenti odjern, iz-zmien ta' xahar jibda jghodd mill-gurnata li din it-taxxa tigi notifikata lilu.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-imsemmija taxxa giet notifikata lir-rikorrenti meta giet annessa ma Mandat ta' Sekwestru mahrug fit-12 ta' Lulju 2004 notifikat lir-rikorrenti u ir-rikorrenti ipprezenta ir-rikors tieghu fl-20 ta' Awissu 2004 u ghalhekk entro t-terminu ta' xahar, u ghalhekk il-Qorti tirrispingi wkoll din it-tieni eccezzjoni tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali.

Illi stabbilit dan, il-Qorti rat l-ewwel talba tar-rikorrenti fejn talab lill-Qorti tordna ir-ritassa billi tnaqqas it-taxxa skond il-Ligi. F'dan is-sens ir-rikorrenti l-ewwel attakka it-taxxa in kwantu titratta dwar it-tariffa ghall-avukati u t-tariffa

ghall-Prokuraturi Legali u issottometta illi peress li kien hemm ordni ghall-licitazzjoni tad-dar konjugali kellu japplika l-Artikolu 17 tat-tariffa ghall-avukati bi prevalenza fuq l-Artikolu 13 tat-tariffa.

Illi huwa issottometta wkoll illi l-istess dwar l-appell, il-valur li gie stabbilit kien ghall-fini tal-kawtela u anke jekk wiehed jiehu dan il-valur xorta jibqa li kien dwar ordni ta' licitazzjoni. L-appell gie cedut qabel beda jinstema u ghalhekk kellhom japplikaw ir-regoli dwar ir-riduzzjonijiet li hemm previsti mill-istess tariffa dwar ic-cessjoni u dan qed jinghad fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u l-prokuraturi legali.

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti issottometta illi f'dan il-kaz kien hemm ordni ta' licitazzjoni.

Illi l-intimata fir-risposta taghha qalet illi l-kawza kienet ta' separazzjoni u mhux ta' licitazzjoni.

Illi kif inhu ben stabbilit, min jallega irid jipprova, u r-rikorrenti f'dan il-kaz ma esebixxa l-ebda sentenza tal-Qorti, jew xi att iehor sabiex jissostanzja it-talbiet tieghu, izda kull ma esebixxa kien mandat ta' sekwestru illi mieghu kien hemm annessa t-taxxa illi effettivament tixhed illi l-kawza giet ceduta fl-appell, izda ovvjament ma tghid xejn dwar jekk kienx hemm xi ordni ta' licitazzjoni jew le.

Illi ghalhekk anke fl-argumenti tieghu dwar l-appell ir-rikorrenti sostna li l-valur li kien stabbilit ai fini ta' kawtela kien dwar ordni ta' licitazzjoni u ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli dwar ir-riduzzjoni previsti mit-Tariffa dwar ic-cessjoni u dan ghar-rigward tad-drittijiet ta' l-Avukati u l-prokuraturi legali.

Illi jibqa l-fatt pero' illi r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova f'dan is-sens u ghaldaqstant ir-rikorrenti naqas milli jipprova it-talbiet kontenuti fir-rikors tieghu.

Illi r-rikorrenti naqas milli jipprova it-talbiet tieghu u dana peress illi lanqas ma ressaq l-ebda prova dwar f'liema stadju huwa ceda l-appell u lanqas ma ressaq l-ebda prova dwar kemm giet stmata d-dar konjugali u / jew il-valur tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------